# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-21 ta' Marzu, 2018.**

**Rikors Numru 999/2017**

**Besserat Gebretusae Hailu**
**(Immigration Police Number**
**13145/12, permess tar-residenza**
**nru MT 5317393**

**vs.**

**Dr. Noel Bartolo u**
**l-Prokuratur Legali Peter Sammut**
**nominati bhala Kuraturi Deputati**
**b'digriet datat it-18 ta' Jannar, 2018,**
**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti**
**Tesfay Berhane**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat il-31 t'Ottubru, 2017, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet Besserat Gebretusae Hailu vs. Tesfay Berhane datata s-27 ta' Marzu, 2008, tal-Qorti Regjonali ta' Debub, Dekemhare, l-Eritrea, l-partijiet inghataw sentenza ta' divorzju;

1.2. Illi permezz tal-istess l-intimat kien ordnat ihallas il-manteniment ghar-rikorrenti u ghall-minuri, (ara foll 3);

1.3. Illi mill-imsemmi zwieg twieldu hames (5) minuri, (ara foll 1), li llum jirrisjedu l-Eritrea, (ara foll 1);

1.4. Illi ilha ma jkollha kuntatt mal-intimat sa minn Gunju, 2011;

1.5. Illi sa fejn taf hi l-intimat jinsab arrestat l-Eritrea;

1.6. Illi giet Malta u ottjeniet l-istatus ta' refugjata;

1.7. Illi s-sentenza fuq indikata:

1.7.1. Inghatat minn qorti kompetenti; u

1.7.2. Ghaddiet in gudikat;

1.8. Illi ghaldaqstant aderit din il-qorti biex din:

1.8.1. Tirrikonoxxi s-sentenza tal-Qorti Regjonali ta' Debub, Dekemhare, l-Eritrea fl-ismijiet fuq indikati *ai termini* tal-artiklu 826 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12);

1.8.2. Tiddikjara s-sentenza *de quo* enforzabbli u ezegwibbli kontra l-intimat;

1.8.3. Tawtorizza lir-rikorrenti biex tirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

2. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 6);

3.0. Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati datata l-1 ta' Frar, 2018, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 59):

3.1. Illi mhumiex edotti mill-fatti;

3.2. Illi jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimat;

3.3. Salv risposti ulterjuri;

4. Semghet lix-xhud prodotta;

5. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti datat l-14 ta' Frar, 2018, li permezz tieghu infurmat lill-qorti li l-intimat jinsab arrestat l-Eritrea u m'hemmx mezz kif jistghu jikkomunikaw mieghu, (ara foll 60);

6. Rat il-verbal tal-Kuratur Deputat datat ukoll l-14 ta' Frar, 2018, li permezz tieghu iddikjara li in vista tax-xhud prodotta m'ghandux provi x'jipproduci u kien ser joqghod fuq il-provi prodotti, (ara foll 60);

Ikkunsidrat:

7. Illi x-xhud prodotta essenzjalment ikkonfermat bil-gurament taghha l-fatti minnha riprodotti fir-rikors promotur fuq sintetikament elenkat, (ara paragrafu numru wiehed punt zero, (1.0.), aktar qabel);

8.0. Illi in vista tal-istess din il-qorti tqis li r-rikorrenti ippruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

8.1. Tiddikjara li *ai termini* tal-artiklu 826 tal-Kap 12 qed tirrikonoxxi s-sentenza tal-Qorti Regjonali ta' Debub,

Dekemhare, l-Eritrea, fl-ismijiet Besserat Gebretusae Hailu vs. Tesfay Berhane, datata s-27 ta' Marzu, 2008;

8.2. Tiddikjara wkoll li s-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti hi enforzabbli u ezegwibbli f'Malta;

8.3. Tawtorizza, lir-rikorrenti biex tirregistra l-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

8.4. Illi fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**